MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2004

Talba Numru. 1529/2003

**Fabio u Mario Mifsud u b'digriet tat-13 ta' Jannar 2004 gew kancellati l-kliem Fabio Mifsud**

**vs**

**Lawrence Abela**

It-Tribunal;
Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-31 ta' Lulju 2003 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta' tlett mija u wiehed u sebghin lira Maltin u erbghau ghoxrin centezmu (Lm371.24) rapprezentanti hsarat imgarrba mill-attur in segwitu ghall-incident tat-traffiku li sehh fit-23 ta' Mejju 2003, fi Triq Regjonali, Kappara wara li l-konvenut li kien qed isuq il-vettura LCA 769 tat-tip Elf u propjeta' ta' Charles Polidano habat mal-vettura FBJ 461 propjeta' tal-attur u misjuqa minn Fabio Mifsud u dan minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess Lawrence Abela.

Bl-ispejes, inkluzi dawk tal-ittra bonarja datata 7 ta’ Lulju 2003.

Ra r-Risposta tal-konvenut fejn huwa eccepixxa li t-talbiet tal-attur kif diretti kontra l-eccipjenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra taghhom billi l-incident in kwistjoni ma sarx b’tort tal-eccipjenti izda tort tas-sewwieq tal-vettura FBJ 461, Fabio Mifsud, minhabba negligenza, traskuragni u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess sewieq kif ser igi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.
Salv eccezzjonijiet ohra.

Sema’ x-xhieda tal-attur, ta’ Fabio Mifsud, tal-konvenut u ta’ Anthony Sacco. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti mill-partijiet.

Sema’ t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:

Din il-kawza tirrigwarda ncident awtomobilstiku li sehh fit-23 ta’ Mejju 2003, il-Kappara bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni FBJ 461 misjuqa minn Fabio Mifsud u propjeta’ tal-attur u t-trukk bin-numru tar-registrazzjoni LCA 769 misjuq mill-konvenut.

Fabio Mifsud xehed li fid-data tal-incident huwa kien qed isuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni FBJ 461, kien wieqaf qed jistenna biex johrog mill-petrol station tal-Kappara u ried imur fid-direzzjoni tal-Universita’. Huwa jghid li kien hemm it-traffiku miexi bil-moghod u li li quddiemu, u cioe’ fil-karreggjata li ried johrog fiha hu kien hemm karozza hamra u tul ta’ erba’ vetturi warajha kien hemm it-trukk misjuq mill-konvenut. Fabio Mifsud jghid li huwa ghalhekk hareg u malli hareg il-vettura ta’ quddiemu waqfet, huwa waqaf ukoll u qala’ daqqa fuq wara man-naha tal-lemin. Mifsud jghid li kien ilu li hareg madwar hmistax il-sekonda meta qala’ d-daqqa.

Il-konvenut xehed li dakinhar tal-incident huwa kien qed isuq it-trukk bin-numru tar-registrazzjoni LCA 769 fin-nizla

tal-Kappara gej mid-direzzjoni ta’ Bahar ic-Caghaq. Kien qed isuq fuq l-inner lane u kien hemm vettura hamra quddiemu madwar tlett mettri quddiemu. It-traffiku kien miexi bil-moghod u huwa kien wieqaf fit-traffic, dak ta’ quddiemu saq u ghalhekk huwa saq ukoll meta f’daqqa wahda sema’ hoss. Il-konvenut ghalhekk waqaf, nizel mit-trukk u nduna li kienet harget il-vettura misjuqa minn Fabio Mifsud mill-peetrol station man-naha tax-xellug tieghu. Il-hsara fit-trukk kient fil-ponta ta’ quddiem tax-xellug. In kontro-ezami il-konvenut ikkonferma li huwa ma kienx ra l-vettura ta’ Mifsud qabel l-impatt izda cahad li huwa kien qed ibiddel il-lane u li kien hemm tul ta’ madwar erba’ vetturi bejn it-trukk tieghu u l-vettura l-hamra li kien hemm quddiemu.

Minn ezami tal-provi prodotti miz-zewg partijiet jirrizulta li Fabio Mifsud is-sewwieq tal-vettura bin-numru tar-registrazzjoni FBJ 461 kien unikament responsabbli ghall-incident de quo. It-Tribunal jirritjeni li huwa pjuttost inverosimili li f’sitwazzjoni ta’ traffiku miexi bil-moghod hafna, kif qed jaqblu li kien miexi fil-hin tal-incident iz-zewg sewwieqa nvoluti, kien hemm spazzju ta’ madwar tul ta’ erba’ vetturi bejn it-trukk misjuq mill-konvenut u l-vettura l-hamra li kien hemm quddiemu. F’dan ir-rigward it-Triibunal huwa ferm aktar propens li jaccetta l-verzjoni moghtija mill-konvenut, u cioe’ li kien hemm distanza ta’ madwar tlett metri bejn il-vettura tieghu u l-vettura l-hamra li kien hemm quddiemu. Inoltre minn ezami tas-survey repport esebit a fol. 30 tal-process u mix-xhieda ta’ Anthony Sacco (a fol. 33) jiidher li l-vettura propjeta’ tal-attur kellha anki hsara fil-ponta tal-genb tan-naha tal-lemin ta’ wara. Dan jindika li Fabio Mifsud kien ghadu qed jiehu l-posizzjoni tieghu fuq l-inner lane meta qala’ d-daqqa mit-trukk misjuq mill-konvenut. Del resto Fabiio Mifsud stess xehed li huwa kien ilu biss hmistaxx )15) il-sekonda li hareg meta qala’ d-daqqa.

Kien Fabio Mifsud li kellu l-oneru li jzomm ‘a proper lookout’ u jevalwa jekk huwa setghax johrog mill-petrol station u fuq l-inner lane minghajr ma jostakola t-traffiku li kien qed jipprocedi fuq l-imsemmi inner lane qabel ma effettivament johrog. Mill-provi rrizulta ampjament li Fabio

Mifsud naqas manifestament minn dan l-obbligu u ghalhekk huwa qed jinstab unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku li jifforma l-mertu ta' din il-kawza. Il-konvenut min-naha l-ohra kien qed jipprocedi ghall-affari tieghu fuq l-inner lane fit-traffiku miexi bil-moghod, huwa kellu d-dritta u ghalhekk it-Tribunal ma rrriskontra ebda negligenza jew traskuragni fis-sewqan tieghu.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad it-talbiet attrici bl-ispejjes jithallsu nterament mill-attur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------